

**Brussell, 27 ta' Mejju 2026
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0394(COD)**

**16771/25
ADD 1 REV 1 (fr,de,it,nl,da,el,es,pt,fi,sv,cs,
et,lv,lt,hu,mt,pl,sk,sl,bg,ro,hr,ga)**

**SIMPL 209
ANTICI 213
ENV 1383
ENT 284
MI 1054
IND 614
COMPET 1342
SAN 837
AGRI 710
CODEC 2125**

PROPOSTA

Nru dok. Cion:	COM(2025) 986 final/2 - Annex
Suġġett:	ANNEX tad-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 2008/98/KE, 2010/75/UE, (UE) 2015/2193 u (UE) 2024/1785 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' xi rekwiżiti u tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 986 final/2 - Annex.

Mehmuż: COM(2025) 986 final/2 - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.12.2025
COM(2025) 986 final/2

ANNEX 1

CORRIGENDUM

This document corrects document COM(2025) 986 final of 10.12.2025.

Concerns the German language version.

Wrong numbering in Annex I.

The text shall read as follows:

ANNEX

tad-

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttivi 2008/98/KE, 2010/75/UE, (UE) 2015/2193 u (UE) 2024/1785 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' xi rekwiżiti u tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv

ANNEX I

1. Fl-Anness I tad-Direttiva 2010/75/UE,
il-punt 2.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
“2.2. “Produzzjoni tal-ħadid jew tal-azzar (fużjoni primarja jew sekondarja) inkluż l-ikkastjar kontinwu, b'kapacià li taqbeż iż-2,5 tunnellati fis-siegħa”;

2. Fl-Anness Ia tad-Direttiva 2010/75/UE,
 - a) Il-punt 2 huwa kkomplementat bit-tielet sentenza kif ġej:
“Attivitajiet tat-trobbija li jitwettqu skont reġimi ta' produzzjoni organika f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 huma esklużi.”
 - b) Fl-ewwel sentenza tal-punt 3, il-kliem “jew tiġieġ tal-bajd jew kategoriji oħra ta' tjur” jiddaħħal wara “minbarra t-trobbija tal-majjali”.
 - c) Fit-taqsimu dwar il-livell tal-unità tal-bhejjem ta' installazzjoni, “Driefeġ ≤ 20 kg... 0,027” hija sostitwita bi “Ħnienes miftuma ≤ 20 kg... 0,027”.

3. L-Anness V tad-Direttiva 2010/75/UE huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-PARTI 1, il-punt 6 huwa emendat kif ġej:
fit-tieni kolonna tat-tabella tizzied nota f'qiegħ il-paġna (5) fit-tieni, fit-tielet, fil-ħames u fis-sitt ringiela:

	NO _x	CO
Impjanti ta' kombustjoni li jaħarqu gass naturali bl-eċċezzjoni tat-turbini tal-gass u l-magni tal-gass	100	100
Impjanti ta' kombustjoni li jaħarqu gass tal-forn tal-blast, gass tal-forn tal-kokk jew gassijiet foqra mill-gassifikazzjoni ta' residwi tar-raffineriji, bl-eċċezzjoni tat-turbini tal-gass u l-magni tal-gass	200 ⁽⁴⁾⁽⁵⁾	—
Impjanti ta' kombustjoni li jaħarqu gassijiet oħra, bl-eċċezzjoni tat-turbini tal-gass u l-magni tal-gass	200 ⁽⁴⁾⁽⁵⁾	—
Turbini tal-gass (inkluż is-CCGT), li jużaw il-gass naturali (1) bħala karburant	50 ⁽²⁾⁽³⁾	100
Turbini tal-gass (inkluż is-CCGT), li jużaw gassijiet oħra bħala karburant	120 ⁽⁵⁾	—
Magni tal-gass	100 ⁽⁵⁾	100

F'dik in-nota f'qiegħ il-paġna nsibu dan li ġej:

“(5) Il-valur limitu tal-emissjonijiet mhuwiex applikabbli għall-impjanti tal-kombustjoni li jaħarqu gass b'aktar minn 20 % (skont il-volum) ta' idroġenu. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livell kumplessiv tal-NO_x eventwalment rilaxxat fl-arja fuq perjodu ta' sena ma jiżdiedx meta mqabbel mas-sitwazzjoni fejn l-emissjonijiet mill-installazzjoni kkonċernata jkunu baqgħu konformi mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti f'dan il-punt

għall-NO_x għall-kombustjoni tal-gass naturali, mingħajr preġudizzju għal miżuri aktar stretti meħtieġa skont l-Artikolu 18.”;

(b) fil-punt 6 tal-PARTI 2 jiżdied is-subparagrafu li ġej fi tmiem dak il-punt:

“Il-valur limitu tal-emissjonijiet mhuwiex applikabbli għall-impjanti tal-kombustjoni li jaħarqu gass b’aktar minn 20 % (skont il-volum) ta’ idroġenu. F’dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livell kumplessiv tal-NO_x eventwalment rilaxxat fl-arja fuq perjodu ta’ sena ma jiżdiedx meta mqabbel mas-sitwazzjoni fejn l-emissjonijiet mill-installazzjoni kkonċernata jkunu baqgħu konformi mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti f’dan il-punt għall-NO_x, mingħajr preġudizzju għal miżuri aktar stretti meħtieġa skont l-Artikolu 18.”;

(c) Fil-PARTI 4 jiżdiedu l-punti 3 sa 5 li ġejjin:

“3. Ir-riżultati tal-kejl għandhom jiġu standardizzati skont il-kontenut standardizzat ta’ O₂ imsemmi fil-Parti 1 u l-Parti 2 billi tiġi applikata l-formula li ġejja:

$$E_s = \frac{21 - O_s}{21 - O_M} \times E_M$$

E_s = il-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet ikkalkulata skont il-konċentrazzjoni perċentwali tal-ossiġnu standard

E_M = il-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet ikkalkulata

O_s = il-konċentrazzjoni tal-ossiġnu standard

O_M = il-konċentrazzjoni tal-ossiġnu kkalkulata

4. Meta l-kombustjoni tal-karburanti ssir f’atmosfera arrikkita bl-ossiġnu, ir-riżultati tal-kejl jistgħu jiġu standardizzati skont kontenut ta’ ossiġnu stabbilit mill-awtorità kompetenti li jirrifletti ċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ individwali. Meta l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa jitnaqqsu permezz ta’ trattament tal-gass ta’ skart, l-istandardizzazzjoni fir-rigward tal-kontenuti ta’ ossiġnu previsti fil-punt 3 għandha ssir biss jekk il-kontenut ta’ ossiġnu mkejjeż fuq l-istess perjodu li fih is-sustanza niġġiesa kkonċernata taqbeż il-livell ta’ kontenut ta’ ossiġnu standard.

5. Fil-każ ta’ sostituzzjoni sħiħa tal-arja ambjentali bl-ossiġnu, għandu jitqies li l-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30 ġew irrispettati, jekk l-emissjonijiet ma jkunux oġġa mill-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-karburant partikolari fil-kontenut standardizzat ta’ O₂.”.